MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 1752/2001/1

**Ian Abela Fitzpatrick ezercenti l-kummerc bl-isem The Servicing Network**

**vs**

**Web Trading Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Ottubru, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba ghall-hlas tas-somma ta' disgha mija u tletin lira Maltija u disgha u disghajn centezmu (Lm930.99), bilanc ta' prezz dovut mis-socjeta konvenuta

lill-attur in rigward ghal merce lilha mibjugha u debitament ikkonsenjata u ghal servizzi rezi matul is-sena 2000.

Ra r-risposta (fol. 9) li biha s-socjeta` konvenuta eccepiet li l-ebda hlas ma kien dovut minhabba li l-ammont miftiehem gie mhallas kollu.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta konvenuta qeghda tibbaza d-difiza taghha fuq il-hlas. Ghalhekk l-oneru tal-prova qieghed fuqha (*iuxta allegata et probata*).

2. Fix-xhieda li taw il-partijiet permezz tal-procedura ta' l-affidavit, huma dahlu f'hafna dettall dwar kif sehh in-negozju u l-pagamenti li saru matul iz-zmien. B'danakollu, it-Tribunal irid fl-ewwel lok jara jekk il-hlas li sar fil-11 ta' Lulju 2001 (permezz ta' cekk fl-ammont ta' sitt mija u wiehed u hamsin lira u hamsa u erbghin centezmu [Lm651.45]) kienx sar ghas-saldu ta' kull pretenzjoni li seta' kellu l-attur.

3. Jibda biex jinghad li kuntrarjament ghal dak il pprova jaghti x'jifhem l-attur fl-affidavit tieghu, m'huwiex mehtieg li jsir xi haga in iskritt meta debitur jaghmel hlas ghas-saldu. Ghalkemm din il-procedura hija iktar prudenti u tevita kwistjonijiet bla bzonn, m'hijiex xi haga ta' bilfors.

4. Fil-fehma tat-Tribunal ix-xhieda moghtija mill-ufficjali tal-bank hija wahda cjara u ma thalli ebda lok ghall-interpretazzjoni. F'dan is-sens:

- **Joanne Cutajar** (seduta tal-5 ta' Marzu 2002) kkonfermat li hija mpjegata tal-bank, u li quddiemha l-partijiet *"kienu tkellmu illi dan* [igifieri l-hlas ta' Lm651.45] ***<u>kien se jkun l-ahhar pagament li ser taghmel is-</u>***

***socjeta konvenuta***" (fol. 42). Kliem, li kuntrarjament ghal dak li ssottometta l-attur fin-nota tieghu, jindika bic-cjar li ntlahaq ftehim bejn il-partijiet li s-socjeta konvenuta taghmel l-ahhar pagament. Ix-xhud kompliet tispjega: *"l-ammont li jidher fuq id-dokument SR11 huwa l-istess ammont li quddiemi tkellmu fuqu il-kontendenti"* (fol. 43);

- Edwin Buhagiar (sedua tal-5 ta' Marzu 2002) kkonferma li huwa kien impjegat tal-Bank of Valletta plc u kien jokkupa l-kariga ta' Branch Manager fil-fergha tal-Gzira. Il-partijiet kienu tkellmu mieghu ghall-ghoti ta' garanzija li ***"kienet tammonta ghal xi sitt mija u hamsin liri Maltin [Lm650]. Kienet tkopri full and final settlement tan-negozju li kien hemm bejn iz-zewg partijiet"***.

5. It-Tribunal irid jiddecidi l-kawza ghab-bazi tal-provi li jkunu tressqu quddiemu. Minn dawn il-provi t-Tribunal huwa moralment konvint li l-ahhar cekk li gie msarraf fil-11 ta' Lulju 2001 kien l-ahhar pagament li kellu jsir, skond il-ftehim li lehqu il-kontendenti. Dan il-fatt huwa kkonfermat minn zewg xhieda, li ma gew bl-ebda mod kontradetti. Xhieda li fil-fehma tat-Tribunal ma thalli l-ebda dubbju dwar il-ftehim li l-ahhar pagament sar ghas-saldu u b'hekk inqatghet il-kwistjoni. Lanqas m'hemm xi cirkostanzi li b'xi mod jistghu jiskossaw din ix-xhieda. Mill-provi ma jirrizultax li wara li sar l-ahhar pagament il-partijiet komplew bin-negozju bejniethom. Fil-fatt l-attur stess jidher li jirrikonoxxi dan il-fatt meta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jargumenta li l-ahhar pagament kien gie accettat *"bhala pagament akkont ta' l-ammont ikbar dovut"*. Kif rajna l-provi juru mod iehor. Sahansitra in kontro-ezami l-attur ikkonferma (seduta tat-2 ta' Mejju 2002) li wara l-ahhar pagament lanqas ma baqghu johorgu *statements of account*, u li jkompli jsahhah il-fehma tat-Tribunal li l-ahhar pagament kien sar ghas-saldu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta u jichad it-talba ta' l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur.”

Minn din id-decizjoni appella l-attur bl-aggravju elaborat illi, rakkjuz f’termini semplici, jikkonsisti fi kritika ghal mod kif il-fatti gew apprezzati mit-Tribunal. Huwa jissottometti illi mill-provi ma jirrizulta l-ebda kitba rigward l-allegat hlas ghas-saldu da parti tas-socjeta` konvenuta. Isostni wkoll illi in mankanza ta’ prova skritta, l-prova tal-hlas ghas-saldu ghandha tkun tangibbli u konkluziva. Jillanja wkoll illi t-Tribunal imkien ma ha konjizzjoni tal-Purchase Agreement datat 26 ta’ Lulju 2000.

Is-socjeta` konvenuta wiegbet ghal dan l-aggravju billi fl-ewwel lok issollevat il-pregudizzjali tal-irritwalita` u nullita` tal-appell interpost billi dan ma jinkwadrax ruhu fid-dipost ta’ l-Art. 8 (2) tal-Kap 380.

Skond dan l-artikolu appell minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar hu konsentit biss fil-kazijiet hemm preskritti. Billi s-subparagrafi (a),(b) u (c) tieghu ma jidhrux li jghoddu ghall-kaz, jifdal li jigi konsiderat is-subparagrafu (d) li jipprovdi ghall-appell “meta t-Tribunal ikun b’mod gravi mar kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u ta’ l-ekwita` skond il-ligi, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella”.

Issa kif drabi ohra ntqal, “il-kompitu ta’ din il-Qorti ghandu jkun ristrett ghall-ezami akkurat tas-sustanza ta’ l-appell biex jigi konsiderat l-ewwel u qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruhu fil-parametri tal-limiti ta’ appellabilita` previsti mil-ligi, ghaliex jekk ma jinkwadrax ruhu f’dawn il-parametri, allura d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tiddikjara l-istess appell bhala irritu u null” – “**John Attard –vs- Charles Agius**”, Appell, 14 ta’ Gunju 2001.

Ezami anke superficjali tas-sentenza appellata ghandu jwassal ghal konkluzjoni unika illi dak li gie evalwat mit-Tribunal huma biss konsiderazzjonijiet ta’ fatt kif emanew mill-provi li dwarhom imbaghad fassal l-apprezzament tieghu. Fl-istess rikors tal-appell interpost l-appellanti jirreferi aktar minn darba ghal “fatti apprezzati”. Li jfisser

minghajr ombra ta’ dubju illi l-istess appellanti hu konxju illi t-Tribunal adopera d-diskrezzjoni tieghu ta’ gudizzju dwar il-fatti.  Bl-ebda mod ma jirrizulta mis-sentenza attakkata illi t-Tribunal ghamel xi ezercizzju ta’ ekwita`.

Dak li gie nvestit mit-Tribunal kien jikkonsisti f’ezami purament fattwali taz-zewg verzjonijiet u applika ghalihom is-soliti kriterji tal-kredibilita` u tal-verosomiljanza.  Kriterji li f’bosta gudikati gew meqjusa bhala generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.

Anke jekk il-Qorti mhiex strettament marbuta, biex proprju jinghad kollox lanqas ma jidher li l-konkluzjoni tat-Tribunal hi vizzjata mill-punto di vista tad-dritt.  Dan ghaliex kif jinsab ritenut ghal prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta’ ricevuta.  Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali.  Ara Kollez. **Vol XXXII pI p525**; “**Av. Dr. John Buttigieg noe -vs- Joseph Portelli pro et noe**”, App. Kummercjali, 26 ta’ Jannar 1976; “**John Cini –vs- Rita Camilleri**”, App. Kumm, 28 ta’ Lulju 1982.

Tajjeb li jigi sottolinejat ukoll illi ghalkemm kif dejjem jigi rilevat, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f’kaz ta’ dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa’ fuq l-attur mill-bidu sal-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu.  Ara a  propozitu decizjonijiet fl-ismijiet “**Manuel Zerafa –vs- Nazzareno Muscat Scerri**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 27 ta’ Mejju 1970 u “**Desmond Mizzi noe –vs- Patrick Filletti pro et noe**”, Appell, 28 ta’ Jannar 2000.

Fl-ahharnett irid jinghad illi anke kieku stess ghall-argoment kellha tigi accettata l-kontenzjoni illi t-Tribunal ma okkupax ruhu minn certi aspetti, kif hekk jilmenta l-appellanti, dan ma jfisserx bilfors illi l-gudikatur ma jkunx iddelibera dwarhom jew ma jkunx ukoll in pjena koxjenza ddecieda dwar dawk l-istess aspetti jew fatti.

Il-konsiderazzjonijiet fuq esposti jwasslu lill-Qorti ghal konkluzjoni illi verament, kif ritenut mis-socjeta` appellata, l-aggravji ma jinkwadrawx ruhhom fil-parametri tas-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 8 tal-ligi (Kap 380).

Ghal dan il-motiv il-Qorti tqis l-appell inattendibbli billi jikkoncerna meritu li minnu ma setax isir appell fit-termini ta’ l-Att V ta’ l-1995 u konsegwentement tichdu, bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------